**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 363/2016**

Il-Pulizija

vs

**Mohammed Alnaser**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 276413(L)

Illum, 3 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mohammed Alnaser quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fil-4 ta' Mejju 2015, 08:45 ta' filghodu bil-vettura IBT437, gewwa MIKIEL ANTON VASSALLI TRIQ, SAN GILJAN,

(1) Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni (Kap.104 Artikolu 3(1)).
(2) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan (Kap 65. Artikolu 15(1)(a), (3)).
(3) naqas li jipproduci l-licenzja tas-sewqan meta gie mitlub jaghmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita fi zmien stipulat mill-Ligi (L.S. 65.17 Artikolu 77).
(4) Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jilbes cintorin tas-sigurta (L.S.65.12 Artikolu 3).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Lulju, 2016 fejn il-Qorti wara lliberatu mill-akkuza numru erbgha (4), sabitu hati tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €2400.

Il-Qorti ma pprojbitux milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant Mohammed Alnaser minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tvarja is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tal-5 ta' Lulju 2016, billi tikkonfermaha in kwantu l-imputat gie liberat mir-raba akkuza u tikkonfermaha in kwantu instabet htija kif ammessa fit-tieni akkuza, filwaqt li tillibera minn kull htija fl-ewwel u fit-tielet akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju huwa riferibbilment ghal-htija taht l-ewwel akkuza rigwardanti allegat ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104, riferibbilment ghal hrug ta' polza assikurattiva fuq il-vettura minnu uzata fil-hin tal-allegat kontravvenzjoni. Jinghad li dan huwa dokument li kien accessibli dak inhar, u ghadu accessibli illum, izda minhabba l-arrest tal-imputat ma kienx possibli li jgib mieghu dan id-dokument sabiex jurieh lil Qorti.

2. Illi dan in-nuqqas huwa direttament konness mal-fatt li l-mandat t'arrest ma jindikax l-akkuzi li dwarhom l-imputat jkun ser jitressaq il-Qorti, u ghaldaqstant lanqas ma jghati l-fakolta lill-arrestat li jikkomunika ma haddiehor (jew mal-avukat ta' fiducja tieghu) li jkun jista' jigbor u jwassal il-provi dokumentarji l-Qorti, billi ma kien hemm ebda hjiel ta' dak li seta kienu l-akkuzi.

3. Illi jinghad ukoll ghall-kjarezza li l-imputat kellu jsiefer minhabba l-mewt ta' huh fis-Sirja u kien ghalhekk li naqqas li jidher quddiem il-Qorti b'mod li hareg dan il-mandat. Sitwazzjoni li setghet b'naqra ghaqal giet evitata, izda wiehed irid jifhem l-istat ta' animu li jwasslek biex titlaq kollox u tmur fejn il-familjari b'urgenza biex taqsam niket il-firda. U hemm kellu joqghod bosta xhur.

4. Illi t-tieni aggravju li qieghed jinghata huwa li ma jista qatt jirrizulta htija kif kontemplata fit-tielet akkuza, galadarba ma hemmx licenzja, ma hemmx

dokument x'jigi prodott, u ghaldaqstant it-talba tal-Pulizija hija wahda li tirravisa fl-impossibilitia nemo tenitur u ma tistax tinstab htija dwarha.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena nflitta hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kat, l-fatt li ghandu fedina netta u li tali fatturi ma jimmeritawx piena ghola mill-minimum taghha.

Rat s-sentenza preliminari tat-03 ta' Mejju 2019 fejn l-ewwel aggravu moghti mill-appellant gie michud u l-Qorti ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-02 ta' Otturbu 2019 fejn l-appellant rega' talab li Qorti tisma' lix-xhud Rapprezentant Montaldo Insurance Agency u dan ghaliex din it-talba kienet diga' giet milqugha minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-15 ta' Novembru 2017.

Rat id-digriet tat-30 ta' Otturbu 2019 fejn din it-talba giet michuda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi sorvolat l-ewwel aggravju tal-appellant fejn lmenta illi l-Ewwel Qorti ma hallietux jipproduci c-certifikat ta'l-assikurazzjoni bhala prova essenzjali marbuta mal-ewwel imputazzjoni li taghha instab hati u ghalhekk talab li din il-prova gdida tigi maghmula issa fi stadju ta' revizjoni, liema aggravju gie michud, jifdal biex jigu trattati l-ahhar zewg aggravji, bit-tieni aggravju marbut mas-sejbien ta' htija ghat-tielet imputazzjoni u

t-tielet aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant kienet wahda eccessiva.

Illi l-appellant fi-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu huwa akkuzat taht ir-regolament 77 tal-Avviz Legali 65.18 illi naqas li jipproduci l-licenzja tas-sewqan meta gie mitlub jaghmel dan mill-pulizija. Issa minn ezami tal-atti ghandu johrog illi l-appellant ma ghandux licenzja tas-sewqan Maltija ghalkemm stqarr *a tempo vergine* mal-PC1120 Steve Farrugia illi ghandu licenjza tas-sewqan Sirjana. Moghti l-opportunita' mill-PC1120 sabiex jipprovdilu din il-licenjza fi zmien 48 siegha minn meta gie imwaqqaf, l-appellant dan baqa' ma ghamlux. Illi allura dak li jikkontendi l-appellant fl-aggravju minnu intentat u cioe' li huwa kien jinsab fl-impossibilita' jaghmel dak mitlub minnu mill-pulizija billi ma ghandux licenzja tas-sewqan hija ghal kollox bla bazi legali u fattwali. Illi r-regolament 5 tal-Avviz Legali 65.18 jipprovdi illi:

> **"Id-detentur ta' liċenza tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz jista' jsuq f'Malta, għal perjodu li ma jkunx iżjed minn tnax-il xahar mid-data minn meta huwa jkun daħal l-aħħar f'Malta, kull klassi jew deskrizzjoni ta' vettura koperta mil-liċenza tas-sewqan maħruġa lilu mill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż terz."**

Illi allura kien fid-dmir tal-appellant illi jipprovdi lil pulizija meta hekk mitlub jaghmel il-licenzja tas-sewqan tieghu Sirjana sabiex jigi stabbilit jekk dik kenitx ghadha wahda valida sabiex tintuza f'Malta, haga li l-appellant naqas milli jaghmel u b'hekk l-infrazzjoni tal-ligi tirrizulta. Dan ifisser illi l-appellant ma ghandux ragun fl-aggravju minnu intentat u l-Ewwel Qorti setghet legalment u fattwalment issib htija ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

Jifdal ghalhekk sabiex jigi trattat l-ahhar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li l-appellant iqies bhala eccessiva. Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' €2400. Illi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqu hija imsejsa l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfornt tal-appellant,

jikkontempla l-piena tal-multa fil-minimu ta' €2329.37 sa massimu ta' €4658. 75 u dan fis-sub-inciz 2 tieghu. Dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-multa ta' €2400 hija wahda fil-minimu assolut sabiex b'hekk din il-Qorti ma tistax tara kif l-appellant qieghed jilmenta illi din kienet xi piena eccessiva. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bit-terminu ghal hlas tal-multa bil-modalita' kif stabbilit fid-decizjoni appellata ghandu jibda' jiddekorri mil-ewwel jum tax-xahar li gej, bil-pagamenti rateali isiru fil-bidu ta' kull xahar sussegwenti.

Edwina Grima

Imhallef